

Brussell, 1 ta' Diċembru 2023
(OR. en)

15946/23

AGRI 742
AGRIFIN 144
FIN 1236

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Rapport Speċjali 23/2023 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: Ir-ristrutturar u t-tħawwil tal-vinji fl-UE: Impatt mhux ċar fuq il-kompetittività u ambizzjoni ambjentali limitata <i>- Approvazzjoni tal-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill</i>

1. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti ta struzzjoni lill-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Agrofinanzjarji (Grupp ta' Ħidma AGRIFIN) biex jeżamina r-Rapport Speċjali msemmi hawn fuq f'konformità mar-regoli stabbiliti fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-8 ta' Mejju 2000 dwar it-titjib tal-eżami ta' rapporti speċjali mfassla mill-Qorti tal-Awdituri (id-dokument 7515/00 + COR 1).
2. Fil-laqgħa tiegħu tal-20 ta' Ottubru 2023, il-Grupp ta' Ħidma AGRIFIN iddiskuta r-Rapport Speċjali msemmi hawn fuq kif ukoll it-tweġibiet tal-Kummissjoni għal dak ir-rapport.
3. Fid-dawl ta' dawk id-diskussjonijiet, il-Presidenza fasslet abbozz ta' konklużjonijiet (id-dokument 15400/23) u ppreżentathom lid-delegazzjonijiet għal konsultazzjoni informali bil-miktub. Abbażi tal-kummenti li rċeviet, il-Presidenza emendat l-abbozz ta' konklużjonijiet, kif jinsab fl-Anness, u ppreżentathom fil-laqgħa tal-AGRIFIN fl-1 ta' Diċembru. L-abbozz ta' konklużjonijiet emendat kien aċċettabbli għad-delegazzjonijiet.

4. F'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-8 ta' Meju 2000, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa b'dan mistieden jissuġġerixxi li l-Kunsill japprova l-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill kif jinsab fl-Anness għal din in-nota bħala punt "A" f'sessjoni li jmiss.
-

Abbozz finali ta' konklużjonijiet tal-Kunsill

Rapport Speċjali 23/2023 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat:

"Ir-ristrutturar u t-tħawwil tal-vinji fl-UE: Impatt mhux ċar fuq il-kompetittività u ambizzjoni ambjentali limitata"

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

1. JINNOTA r-Rapport Speċjali 23/2023 tal-Qorti intitolat *"Ir-ristrutturar u t-tħawwil tal-vinji fl-UE: Impatt mhux ċar fuq il-kompetittività u ambizzjoni ambjentali limitata"*, li jeżamina sa liema punt il-miżura ta' ristrutturar u konverżjoni tal-UE ("il-miżura") u l-iskema tal-awtorizzazzjonijiet għat-tħawwil tad-dwieli ("l-iskema") għenu biex il-produtturi tal-inbid isiru aktar kompetittivi u l-produzzjoni tal-inbid aktar ambjentalment sostenibbli;
2. JISSOTTOLINJA li, kif innotat fir-Rapport Speċjali tal-Qorti, l-UE, b'2.2 miljun azjenda tal-inbid li jkopru madwar 2 % taż-żona agrikola utilizzata tal-UE (46 % tat-total dinji) u li tirrappreżenta 7.5 % tal-valur tal-produzzjoni agrikola tal-UE, hija l-produttur (59 % tat-total dinji), il-konsumatur (48 % tat-total dinji) u l-esportatur tal-inbid (67 % tat-total dinji) ewlieni fid-dinja;
3. JEMMEN li l-miżura tippermetti lis-settur tal-inbid Ewropew jiżviluppa għodod moderni ta' produzzjoni b'reazzjoni għall-aspettattivi tas-suq u l-kompetizzjoni internazzjonali u jipprovdi lill-konsumaturi bi prodotti ta' kwalità; JEMMEN UKOLL li l-iskema tipprovdi għodda xierqa u dinamika għat- tkabbir ikkontrollat tal-vinji tal-UE;
4. JAQBEL mal-Kummissjoni li, meta mqabbel mad-data użata għall-perjodu 2014-2022 bħala bażi għar-rapport speċjali tal-Qorti, il-qafas legali l-ġdid, li skontu l-interventi settorjali għall-inbid jistgħu jiġu implimentati mill-1 ta' Jannar 2024 f'konformità mal-Pjanijiet Strateġiċi nazzjonali tal-PAK fl-ambitu tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) il-ġdida, jirrappreżenta titjib konsiderevoli f'termini tal-oġettivi segwiti u l-modalitajiet ta' implimentazzjoni;

5. IQIS li fil-PAK għall-perjodu 2023-2027, l-intervent għas-settur tal-inbid għandu l-għan li jżid il-kompetittività u s-sostenibbiltà fid-dimensjonijiet kollha tiegħu (ekonomiċi, ambjentali u soċjali) b'objettivi ġenerali aktar ambizzjużi meta mqabbel mal-perjodu ta' programmazzjoni preċedenti;
6. JILQA' l-fatt li l-Kummissjoni Ewropea taċċetta r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti li, biex il-miżura u l-iskema jiġu mmirati aħjar, il-Kummissjoni tista':
 - tiċċara x'tinvolvi l-kompetittività tal-produtturi tal-inbid tal-UE,
 - tinforma lill-Istati Membri meta l-miżura ma tikkontribwixxix b'mod effettiv għall-objettiv tal-kompetittività, u
 - tiffaċilita l-iskambju ta' prattiki tajba fost l-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni tal-miżura u l-iskema;
7. JILQA' wkoll l-aċċettazzjoni tal-Kummissjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti li, biex tiżdied l-ambizzjoni ambjentali tal-politika tal-UE dwar l-inbid u f'konformità mal-ambizzjoni ġenerali għal Politika Agrikola Komuni (PAK) aktar ekoloġika, il-Kummissjoni tista':
 - tivvaluta jekk is-sehem minimu ta' 5 % tan-nefqa allokata għall-inbid lejn il-klima u l-ambjent huwiex xieraq,
 - tiffaċilita l-iskambju tal-aħjar prattiki u xxerred ir-riżultati tal-miżura għall-protezzjoni tal-ambjent,
 - tivvaluta sa liema punt l-iskema kellha impatt fuq l-ambjent, u
 - tinforma lill-Istati Membri meta l-miżura ma tikkontribwixxix b'mod effettiv għall-objettiv ambjentali.